# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Nru. 1629

Kaz Nru. 1749

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol
bejn
Mark Zammit
u
RMF Limited
dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Illum il-Hamis 22 ta' Settembru 2005

**Chairman : Is-Sur Alphonse Caruana**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie rriferit lit-Tribunal Industrijali permess ta' dikjarazzjoni fir-Registru tal-Qorti Superjuri f'isem Mark Zammit mis-Sur Andrew Mizzi u l-Avv Aron Mifsud Bonnici LL.D. fejn qed jghidu illi it-tkeccija ma kinitx ghal raguni tajba u sufficjenti skond l-Att ta' l-2002 dwar l-Impieg u Relazzjonijiet Industrijali (Att. Nru.XXII ta' 2002)

Is-Sur Mark Zammit li kien assistit minn-Avv. Shazoo Ghaznavi LL.D. aktar 'l quddiem jissejjah l-appellant. Deher is-Sur Roberto de Battista ghas-socjeta intimata RMF Limited aktar 'l quddiem tissejjah is-socjeta. Din kienet assistita mill-Avv. Ivan Gatt.

It-Tribunal zamm erbatax il-seduta.

**Dikjarazzjoni tal-Kaz**

L-appellant beda l-impieg tieghu mas-socjeta appellata fl-1999 bhala "*parts purchaser*" u kien jahdem fil-*garage department* ta' l-istess socjeta. Kien gie maghzul biex jahdem bhala "*reception duties*" wara li kien applika darbtejn. Inghata '*in house training*' ghal tliet xhur shah u fif-Frar 2000 beda fir-"*reception duties*" Fit-13 ta' Novembru 2002 gie mkecci mill-impieg tieghu. Kien gie infurmat permezz ta' ittra datata 16 ta' Ottubru 2002.

L-appellant jghid illi l-kwistjoni kollha tirrigwarda l-fatt li matul dak iz-zmien illi huwa kien ghadu jahdem fil-*garage department* kien jithallas l-ammont ta' Lm63 fil-gimgha. Meta mbidillu x-xoghol tieghu ghal dak ta' *receptionist* il-paga li kien qed jircievi naqset tant illi beda jircievi biss l-ammont ta' Lm52 meta mahduma fuq it-total tas-salarju baziku ta' Lm224.81 kif gie lilu pprezentat fil-propost ftehim datat 16 ta' Marzu 2000 li l-appellant ma ffermax ghalieh stante din ir-raguni.

F'April 2002 jigifieri erbatax il-xahar wara li kien ilu jiehu l-pagament ta' Lm52, kien gibed l-attenzjoni tal-Management biex ikunu jistghu jirrevedu l-paga in kwistjoni, baqa minghajr ebda risposta, ghaliex l-appellant qatt ma rcieva la verbalment u lanqas bil-miktub xi mezz biex jiddiskutu l-paga.

Illi bhala *"receptionist"* tas-socjeta, l-appellant zdieditlu r-responsabbilta, il-hinijiet kienu itwal u stressanti mix-xoghol li kellu fil-*garage department*. Ezatt kif nghatatlu l-ittra ta' terminazzjoni mill-impieg l-appellant gie imsejjah fl-ufficcju tas-Sur Robert de Battista sabiex jew jiffirma l-ftehim kif kien u tispicca l-ittra jew fin-nuqqas jipprocedu biha. L-appellant ma accettax dan it-tip ta' ftehim ghax hass li d-drittijiet tieghu ma kienux qed jigu mharsa meta kien qed jigi mgieghel jaccetta xi haga li ma kinetx gusta.

Is-socjeta tghid illi itterminat l-impieg ta' l-appellant ghar-ragunijiet validi u gustifikati fil-ligi.

Illi r-raguni li wasslet is-socjeta tasal ghall tali decizjoni kien il-karattru u l-imgieba stess ta' l-appellant fuq ix-xoghol li jista' jigi deskritt bhala wahda ta' indifferenza, arroganza, insubordinazzjoni u negligenza.

Illi s-socjeta waslet li tieghu tali decizjoni ma kienetx incident isolat jew okkazzjoni wahda, izda sensiela ta' incidenti u mgieba li m'humiex riflessi purament fil-warnings li sarulu.

Mill-bidu nett li huwa okkupa kariga ta' "*receptionist*" is-superjuri tieghu gibdulu l-attenzjoni ghal diversi nuqqasijiet tieghu. Is-superjuri tieghu f'okkazzjonijiet numeruzi talbu biex jigi l-ufficcju ghall-laqgha biex jiddiskutu dawn in-nuqqasijiet u kif wiehed jista' jirranga u jimmeljora. Izda minkejja diversi appuntamenti li saru huwa infallibilment kien jonqos li jattendi.

Is-socjeta kienet harget "warnings" bil-miktub lill-appellant u minkejja dawn il-warnings huwa kompla bl-insubordinazzjoni tieghu ghad-danni tas-socjeta

**Provi**

Xhud Roberto de Battista, *Company Sectretary* tas-socjeta appellata qal illi primarjament l-appellant kien gie impjegat bhala *"purchaser clerk"* fil-garage department. Bhala *"receptionist´* beda fl-4 ta' Marzu 2001. Qal illi ghamillu osservazzjonijiet diversi drabi dwar nuqqas fid-dmirijiet tieghu. F'Mejju 2001 kellu l-ewwel official *warning for not observing company practices.* Appena beda fix-xoghol ta' *receptionist* kien riedu li jiltaqghu biex ikun jista' jiggwidah ghal xoghol aktar ahjar kif normalment jghamel ma kulhadd.

Fl-21 ta' Mejju 2001 kiteb lill-appellant fejn qallu li kien qed jestendilu il-*probation period* u informah illi *his performance is being constantly monitored*. L-appellant mar ghand ix-xhud biex ikelmu f'nofs Gunju 2001. Kien mar ikelmu fl-erbgha u ghaxra meta kien jibda x-xoghol fl-erba u nofs. Kien hemm hafna punti li ried jitkellem dwarahom ma' l-appellant imma minhabba li ried jibda x-xoghol tieghu ma kienx hemm hin bizzejjed biex jiddiskutu l-punti kollha, kienu ghalhekk ftehmu illi l-appellant kellu jerga jmur l-ghada fil-ghodu biex ikomplu jiddiskutu. L-appellant ma marx u x-xhud qal illi verbalment kien rega fakkru fl-10 ta' Lulju.

F'Awissu kitilblu biex jigbidlu l-attenzjoni fejn qallu, *"A greater effort to show that you can comply with Company expectations is required"*

Fis-7 ta' Marzu 2002 l-appellant mar ghall-laqgha max-xhud, laqgha li inzammet wara sena u xahar. Ix-xhud qal li kien ta' disappunt kbir li biex jiltaqghu kellu jghaddu dan iz-zmien kollu meta kien ilu hafna jigri warajh biex jattendi ghall-laqgha. Tant ghadda zmien illi kien hemm punti li ma kienux aktar mehtiega. Dan in-nuqqas kien kollu telf finanzjarju ghas-socjeta. Qal ukoll ix-xhud li l-punti li kien ried ikellmu kienu kollha punti dwar policies tas-socjeta li fil-kariga tieghu kull nuqqas kien ifisser spejjes b'dannu ghas-socjeta. F'din il-laqgha l-appellant qajjem il-kwistjoni tal-paga tieghu u x-xhud qal li ma kienx il-hin li dan il-punt tal-paga jigi diskuss ghax il-laqgha kienet biex jigu diskussi punti mportanti dwar l-inkompitenza tieghu fuq ix-xoghol. Kaz importanti qal ix-xhud kien meta haddiem inqalghatlu problema li kellu jiehu lill-mara l-isptar, kien qal lill-appellant biex javzhom li ma kienx se jkun available ghax-xoghol u l-appellant ma ghaddiex din l-informazzjoni lil ta' warajh.

Xhud Kevin Farrugia, *Day recepitonist,* ilu fil-kariga hames snin. Ilu jaf lill-appellant fil-kariga sena u nofs. Spiega kif isir meta jimbidlu minn shift ghal iehor, billi jghatu handover permezz ta' Diary u wkoll jghatu kull deskrizzjoni anki verbalment biex isir il-handover, huma jidhlu kwarta qabel il-hin biex ikollhom hin jispjegaw lil xulxin il-handover. Qal illi kien josserva xi kultant li l-appellant kien jigi ghax-xoghol ghajjien. Kien ikun jaf minghand l-appellant stess illi kien imexxi l-Ghaqda tal-Bejjiegha tal-Monti.

Ix-xhud qal ukoll illi minhabba li kien ta' binhar kien jista' jara li l-handover ma sarx sewwa ghax jibdew jinqalghu hafna ntricci mal-gurnata. Kien ukoll flimkien mas-Sur de Battista jghinu fl-istatistici tal-breakdowns u kienu jindunaw bin-nuqqasijiet. Qal illi gieli gibidlu l-attenzjoni fuq hafna affarijiet.
Mistoqsi mid-difensur tal-appellant kif jaf li jkun ghajjien irrisponda illi ta' spiss kien jghidlu li ilu gurnata barra mhux se jilhaq jasal id-dar, biex itieh cans jinhasel u jigi ghax-xoghol, kien jitolbu jghoqodlu nofs siegha jew siegha extra. Qal ukoll illi l-appellant ghandu xoghol part-time ma' kumpanija ohra VRS Company.

Xhud l-Appellant beda attwalment fl-ahhar tan-1998 mal-kumpanija VRS li hi ta' l-istess RMF. Kien applika biex jidhol ma' l-RMF u beda fl-2000 fil-garage bhala *Purchaser.* Fl-2001 kien applika biex isir *Receptionist* u fit-13 ta' Novembru 2002 spicca bin-notice. Spiega x'kien xogholu meta kien jiehu hsieb il-*garage* u spiega ukoll x'kien ix-xoghol tieghu meta ha l-post ta' *Receptionist* .

Matul ix-shift ta' bil-lejl jkun wahdu, ghandu responsabilta ta' erba' *mechanics* wiehed *full-time* u tlieta *part-time* li jrid jqassmilhom ix-xoghol hu mbarra li jkollu xoghol klerikali li jhallulu matul il-gurnata fuq id-*diary*. Spiega kif jaghmel qabel ma x-shift billi jiehu handover minghand siehbu.

Qal illi ghadu jahdem mal-VRS Company li hi indirittament kumpanija ta' l-RMF, ix-xoghol tieghu hu breakdowns; li jittowjaw il-karozzi li jipparkjaw hazin. Ghalkemm spicca minn mal-RMF, kemm ilu li tkecca sa l-24 ta' Novembru 2003 ghamel mitejn breakdowns direttament ghall-RMF mibghut mill-istess ufficcju ta' Kevin Farrugia li huwa r-receptionist ta' fil-ghodu. Punt li kien ilu pendenti mas-socjeta appellata kien dwar differenza fil-paga li kellu bejn meta kien il-garage ghall-post ta' *receptionist* li kienet kwistjoni fuq il-paga bazika.bejn li kellu qabel ghal ma' li ghandu ta' receptionist.

Kaz iehor dwar dghajsa illi l-klijent kien hallas kont ghal xoghol wisq inqas milli fil-fatt sar li jinkludu il-kobor u t-tul tad-dghajsa. L-appellant sostna illi hu kull ma ghamel kien li ta bicca karta lill-shiebu bid-dettalji tal-klijent, xi prezzijiet talbu u ta' liema xoghol talbu dawn il-prezzijiet.

Dwar il-mechanic Ivan Mallia li kellu bzonn jiehu lill-mara l-isptar fit-tmienja ta' filghodu sostna illi ma jhoss li kellu javza lir-receptionist meta spicca wara hmistax il-siegha xoghol fit-tmienja neqsin kwart. Qal illi ma jidherlux li kellu joghod javzah li ma huwiex se jkun available. Ma nizziliex fid-Diary li Mallia kellu jmur l-isptar ghax spicca fit-tmienja nieqsin qwart u bi dritt kellu jmur jistrieh.

Kaz iehor rigward illi l-*mechanics* kellhom ordni specifika li ma jistghux jidhlu fl-ufficcju tar-*reception*. L-appellant qal illi hu kiser din l-ordni ghar-ragunijiet tieghu ghax ihoss li meta l-*mechanics* ikunu jiddepositaw il-flus tax-xoghol li jkunu ghamlu, liema deposti jkunu ta' ammonti sostanzjali ghandhom jidhlu gewwa ghax jekk ikun hemm xi nuqqas wiehed irid ibghatieh huwa.

Xhud Ivan Mallia, *mechanic,* qal li jahdem mill-hamsa ta' filghaxija sat-tmienja ta' filghodu fuq full-time basis u filghodu fuq *part-time basis*. Kellu bzonn jiehu lill-mara l-isptar u qal lill-appellant li huwa n-night Manager taghhom li fit-tmienja ma jistghax jibqa ghax-xoghol.

Xhud Andrew Mizzi, Segretarju tat-Taqsima Teknologija Elettronika u Kommunikazzjoni tal-*General Workers' Union,* qal illi kien jirraprezenta lill-appellant bhala membru tieghu. Spiega illi l-appellant ma kellux kuntratt iffirmat.. Dak iz-zmien ma kienx ghad hemm "Agreement". Ukoll illi s-socjeta riedet illi t-take home pay jigi maqsum bejn basic pay, allowance u overtime. Il-Union riedet illi l-basic ma jkunx anqas milli kellu qabel u qalet lill-appellant biex ma jiffirmax l-Agreement. Qalet illi ma kienx involut fuq il-kaz ta' tkeccija.

**Kunsiderazzjonijiet**

L-appellant beda jahdem mas-socjeta appellata fl-1999 bhala *“parts purchaser’* fi Frar tas-sena 2000 beda jahdem fil-kariga ta’ *“receptionist”.* Tkecca mix-xoghol ta’ *“receptionist”* mis-socjeta appellata fit-13 ta’ Novembru 2002. Matul iz-zmien f’din l-ahhar kariga s-socjeta tghid illi s-superjuri tieghu gibdulu l-attenzjoni ghad-diversi nuqqasijiet. F’okkazzjonijiet diversi s-superjuri tieghu talbuh biex imur l-ufficcju ghall-laqgha biex jiddiskutu dawn in-nuqqasijiet u kif wiehed jista’ jirranga u jimmiljora. L-appellant minkejja diversi appuntamenti li saru kien infallibilment jonqos li jattendi.

Dan in-nuqqas li jattendi ghall-laqghat mas-superjuri tieghu kien qed jonqos li jigi aggornat fit-tmexxija tas-socjeta. Inghata tliet warnings bil-miktub u gie ukoll imwissi verbalment.

Fi zmien konsiderevolment qasir jirrizulta li kellu numru ta’ kazi li fin-natura taghhom holqu disgwit. Il-kariga ta’ *“receptionist”* fis-socjeta appellata hi kariga ta’ natura mportanti u responsabbli li tirrikjedi attenzjoni kontinwa u aggornament ta’ mportanza mal-proceduri kif mitluba mid-dirigenti tas-socjeta. Hu mehtieg illi *receptionist* mhux biss jircievi telefonati ghall-talbiet ta’ breakdowns, izda wkoll li jidderiegi lill-mechanics skond in-necessita, jara li l-klijenti jkunu mghotija s-servizzi mitluba fl-anqas zmien jew hin mehtieg , jara kemm ghandu jkun il-hlas ghal tali servizz specjalment meta jkun servizz mitlub ghal dghajjes li hu mehtieg illi jigi kkalkulat il-hin li jiehu kull gbid ta’ dghajsa minn u sa fejn trid tittiehed, x’tul ghandha u finalment kemm ghandu jkun il-hlas.

L-appellant kellu kaz fejn skond il-provi imresqa naqas milli josserva strettament ir-regoli tas-socjeta appellata f’dan il-kaz waqt illi meta ta *handover* ma kwalifikax il-punti necessarji u minhabba f’hekk il-klijent hallas hafna anqas milli kien suppost.

Kaz iehor li gie mressaq quddiem it-Tribunal kien illi ma osservax kif suppost ir-regolamenti li l-mechanics ma ghandhomx jithallew jidhlu fl-ufficcju tar-*receptionist.* Kien is-Sur Roberto de Battista stess illi ra lill-*mechanic* fl-ufficcju tar-*receptionist.* L-appellant qal illi l-*mechanics* ikun iridu jghatu l-pagamenti lir-*receptionist* u xhed, *"*Biex ihallsu l-pagamenti, jiena ksirta dik ir-regola iva. Ghar-ragunijiet tieghi" Gieli kien hemm *mechanics* illi kienu fl-ufficcju u qallhom biex johorgu u ma hargux. Is-socjeta sostniet f'kliem l-assistent legali, "Illi l-verita hija l-oppost ghaliex, minfejn jopera in-*night receptionist* huwa kamra msakkra biex *mechanic* jidhol, trid tiftahlu l-bieb, jekk ma tiftahlux inti l-bieb minn gewwa ma jistax jidhol*"* It-Tribunal jara illi l-appellant impjegat f'kariga mportanti u ta' responsabilta naqas mill-kapacita tieghu meta mhux biss ma osservax strettament ir-regoli tas-socjeta tant illi mar l-oppost u ghamel dak li fehem hu.

Dwar il-kas ta' Ivan Mallia, *mechanic,* li kellu bzonn jiehu l-mara l-isptar fit-tmienja ta' filghodu wara li jkun spicca mix-*shift* bhala full-time minhabba li kien jahdem wara *on part-time basis*, xehed illi kien avza lil-appellant li huwa *n-night Manager* tieghu bil-bzonn li kellu. L-appellant qal illi ma deherlux li kellu jnizzel fid-*diary* u joqghod jghid illi Mallia ma hux available ghax fehem illi hu jispicca qabel Mallia mix-xoghol fil-ghodu.

Dan in-nuqqas ta' l-appellant kien holoq stat ta' konfuzjoni minhabba li Mallia habat li kien hemm xi xoghol filghodu u d-direzzjoni ma kinetx avzata bl-assenza ta' Mallia, tant illi skond is-socjeta sa kemm dan il-punt gie ccarat Mallia kien f'pozzizjoni ta' dixxiplina.

Waqt is-smieh tal-kaz l-appellant ressaq punt dwar nuqqas ta' paga liema kaz huwa ssottomettieh fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tieghu. Meta ha l-kariga ta' *receptionist* wara xi zmien sab illi kellu aktar minn hdax il-lira Maltin anqas fil-paga bazika fil-gimgha milli kellu qabel meta kien *"parts purchaser"* fil-garage. Ghal dan il-kaz it-Tribunal jara illi dan il-punt dwar nuqqas fil-paga ma ghandu ebda relevanza mal-kaz ta' tkeccija. Is-socjeta la ghamlet dan il-punt ta' nuqqas ta' ftehim dwar il-paga illi ghandu x'jaqsam mat-tkeccija, l-anqas resqitu quddiem t-Tribunal waqt is-smieh tal-kaz.

It-Tribunal jara illi l-appellant qabel ma ha l-kariga ta' *receptionist* kien ghamel tliet xhur *training.* Is-socjeta appellata diversament kitbitlu biex jersaq ghand is-surperjur tieghu s-Sur Roberto de Battista halli jghatieh aktar informazzjoni u tgharif dwar l-andament tax-xoghol, kien minn naha ta' l-appellant li wera nuqqas ta' interess meta naqas li jattendi kif mitlub. Matul il-hajja ghalkemm qasira fl-impieg l-appellant kellu tliet written *warnings* izda b'dana kollu xorta wahda baqa jonqos mid-doveri kif stipulati mis-socjeta.

**Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali ra l-Istqarrija tal-Kaz tal-partijiet, ra d-dokumenti esibiti, sema' u ra x-xhieda prodotta u t-trattazzjoni finali tal-partijiet, jaqta u jiddeciedi din il-kwistjoni tax-xoghol billi jsib illi t-tkeccija ta' l-appellant mill-impieg kienet ghar-raguni gusta u sufficjenti skond il-ligi.

Ghal fini ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, it-Tribunal qieghed jintaxxa d-drittijiet ta' kull persuna li assistiet fis-somma ta' erbghin lira Maltin.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

---

**Alphonse Caruana**
**Chairman**